



28.2.2024

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2013/11/UE dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi, kif ukoll id-Direttivi (UE) 2015/2302, (UE) 2019/2161 u (UE) 2020/1828  
(COM(2023)0649 – C9-0384/2023 – 2023/0376(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Cláudia Monteiro de Aguiar

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Adottata fl-2013, id-Direttiva dwar is-Soluzzjoni Alternattiva għat-Tilwim (ADR)<sup>1</sup> hija mmirata lejn soluzzjoni barra mill-qorti ġusta, rapida u affordabbli ta' tilwim domestiku u transfruntier bejn il-konsumaturi u n-negozjanti tal-UE. Abbażi ta' approċċ ta' armonizzazzjoni minima, din tkopri l-varji kulturi u oqfsa nazzjonali tal-ADR fl-Istati Membri differenti. Filwaqt li l-ADR mhijiex maħsuba biex tissostitwixxi l-litigazzjoni quddiem il-qorti, hija meqjusa bħala mekkaniżmu ta' rimedju effettiv biex jiġi solvut tilwim ta' valur baxx, peress li r-rikors għall-qorti jiswa aktar u spiss jieħu ħafna aktar ħin. Madankollu, s'issa s-suċċess tal-ADR fl-UE kien biss parzjali, peress li l-istruttura u l-effiċjenza tagħha spiss jiddependu mill-kuntest nazzjonali ta' kull Stat Membru. B'konsegwenza ta' dan, illum hemm sehem sinifikanti ta' konsumaturi tal-UE li mhumiex konxji tal-iskemi tal-ADR jew li ma jafdawhomx u, għaldaqstant, jastjenu milli jilmentaw. Barra minn hekk, 43 % tal-bejjiegħa bl-imnut fl-UE mhumiex konxji tal-eżistenza tal-ADR bħala mezz biex isolvu t-tilwim tagħhom mal-konsumaturi.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, ir-rapporteur tilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li tiġi emendata d-Direttiva tal-ADR sabiex il-qafas ikun adattat għas-swieq diġitali, jittejjeb l-użu tal-ADR f'tilwim transfruntier u jiġu ssimplifikati l-proċeduri tal-ADR. Filwaqt li b'mod ġenerali tapprova l-proposta, ir-rapporteur tixtieq tenfasizza diversi aspetti hawn taħt.

Ir-rapporteur tappoġġja ż-żamma tal-**approċċ ta' armonizzazzjoni minima** fil-proposta, mhux l-inqas fid-dawl ta' xenarju tal-ADR li għadu frammentat fl-Istati Membri tal-UE kif ukoll iż-żmien u l-isforz meħtieġa biex tiġi żgurata ADR mingħajr xkiel madwar l-UE. Filwaqt li tirrikonoxxi li ċerti setturi huma ferm aktar intensivi fit-tilwim minn oħrajn – fil-fatt, it-trasport u t-turiżmu huwa wieħed minnhom – ir-rapporteur tixtieq tfakkar li d-Direttiva tal-2013 diġà pprevediet grad ta' flessibbiltà għall-Istati Membri biex jiddeċiedu jekk il-parteċipazzjoni tan-negozjanti fl-ADR għandhiex tkun obligatorja jew volontarja f'setturi li huma jqisu xierqa. Minkejja dan, kull meta n-negozjanti jirrifjutaw li jipparteċipaw fi proċedura tal-ADR, huma għandhom ikunu meħtieġa jipprovdu spjegazzjonijiet bil-miktub.

Wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-proposta tal-Kummissjoni huwa li ttejjeb l-użu tal-ADR f'tilwim transfruntier permezz ta' assistenza aktar personalizzata għall-konsumaturi u n-negozjanti. Madankollu, eżempji mill-ħajja reali juru li l-**aċċessibbiltà tal-ADR** f'tilwim transfruntier għadha problematika, inkluż f'termini tal-lingwa u l-liġi applikabbli. Il-kisba ta' dan l-oġġettiv se tirrikjedi li ssir enfasi fuq l-għoti ta' għarfien, għarfien espert u riżorsi suffiċjenti lill-entitajiet tal-ADR. Barra minn hekk, bħalissa ħafna entitajiet tal-ADR joperaw abbażi ta' kompetenza ġenerali, u f'tit Stati Membri biss għandhom entitajiet tal-ADR li jispeċjalizzaw f'tilwim relatat mad-drittijiet tal-ivvjaġġar u tal-passiġġieri<sup>2</sup>. Għalhekk, ir-rapporteur tixtieq tinkoraġġixxi l-**ispeċjalizzazzjoni** tal-entitajiet tal-ADR, speċjalment fl-oqsma tat-trasport u t-turiżmu, li b'mod tradizzjonali jiġġeneraw għadd kbir ta' lmenti mill-konsumaturi, inkluż it-taħriġ ta' dawk inkarigati mill-ADR fil-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti biex jantiċipaw l-aħjar soluzzjonijiet ta' lmenti transfruntiera tal-konsumaturi.

<sup>1</sup> Id-Direttiva 2013/11/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi u li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (id-Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi) (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 63).”

<sup>2</sup> [Alternative Dispute Resolution in the Air Passenger Rights Sector](#), Network ta' Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi, Settembru 2019, p. 1.

Wieħed mill-prinċipji bażiċi tal-ADR huwa r-rieda tajba tal-partijiet – il-konsumaturi u n-negozjanti – li jikkooperaw biex isibu soluzzjoni bonarja għal tilwima, li l-premessa tagħha hija l-għarfien tal-vantaġġi tal-mekkaniżmu tal-ADR. Għalhekk, huwa importanti li jinbnew **inċentivi għan-negozjanti** biex jissieħbu fl-iskemi tal-ADR, filwaqt li jiġu infurmati dwar il-benefiċċji tagħhom: il-kunfidenzjalità, filwaqt li jiġi evitat ir-riskju ta' pubbliċità negattiva u ħsara għar-reputazzjoni li jistgħu jirriżultaw minn kawża fil-qorti; il-fatt li jiddeċiedu l-eżitu ta' tilwima huma stess minflok ma jiġi impost fuqhom; u l-flessibbiltà f'termini tal-eżitu, inkluż il-kisba ta' eżiti li qorti ma tistax tordna, jew riżultat li l-partijiet jaħsbu li huwa aktar ġust minn dak iddettat mil-liġi<sup>3</sup>. Fl-istess ħin, huwa kruċjali li tittejjeb is-**sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi u tissaħħaħ il-fiduċja tagħhom** fl-ADR, speċjalment meta jiġi solvut tilwim transfruntier. F'dan ir-rigward, ir-rapporteur tiegħu nota ta' bosta kumpaniji ta' ġestjoni tal-pretensjonijiet mhux regolati, li joffru medjazzjoni fis-soluzzjoni ta' talbiet tal-passiġġieri bl-ajru online għal profitt privat<sup>4</sup>, u tisħaq li l-konsumaturi, minħabba li ma jkunux konxji tal-eżistenza tal-entitajiet tal-ADR jew ma jkollhomx fiduċja li dawn huma indipendenti u/jew imparzjali, għandhom it-tendenza li jirrikorru għal tal-ewwel. Tabilħaqq, peress li għadd ta' Stati Membri biss għandhom skemi tal-ADR li jiffunzjonaw tajjeb, huwa kruċjali li ssir enfasi fuq il-kwalità (indipendenza, imparzjalità, għarfien espert, riżorsi) tal-entitajiet tal-ADR, fuq l-informazzjoni u l-assistenza lill-konsumaturi kif ukoll fuq it-titjib tar-rati tal-użu tas-soluzzjoni tat-tilwim.

Filwaqt li tilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li jiġu stabbiliti **punti ta' kuntatt tal-ADR b'kompiti definiti b'mod ċar**, ir-rapporteur tirrimarka li ċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi, li jinsabu f'pożizzjoni tajba biex iwettqu tali kompiti, għandhom jaħdmu f'kooperazzjoni mal-entitajiet kompetenti nazzjonali tal-ADR. Barra minn hekk, meta titqies in-natura transfruntiera tad-drittijiet tal-passiġġieri u tal-vjaġġaturi, il-Kummissjoni għandha taħdem mill-qrib maċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi, in-negozji tal-ivvjaġġar u tat-turiżmu, l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur u entitajiet oħra li jittrattaw id-drittijiet tal-konsumatur, biex tippromwovi l-aħjar prattiki u l-għarfien meħtieġa biex jitneħħew l-ostakli li jiffaċċjaw il-konsumaturi u n-negozjanti meta jużaw il-proċeduri tal-ADR fil-qasam tat-trasport u t-turiżmu.

Fl-aħħar nett, ir-rapporteur tappoġġja b'mod wiesa' l-proposta tal-Kummissjoni li **tippermetti lill-entitajiet tal-ADR jiġbru** flimkien każijiet simili kontra negozjant speċifiku f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tal-ADR jew man-Network taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi, peress li tali possibbiltà tippermetti azzjoni rappreżentattiva u tiżgura eżiti konsistenti tal-ADR soġġetti għall-istess prattiki kummerċjali żleali.

## EMENDI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin

<sup>3</sup> Il-biċċa l-kbira tal-entitajiet tal-ADR fil-pajjiżi Nordiċi u Baltiċi jistgħu jieħdu deċizzjonijiet irrispettivament minn jekk in-negozjant jipparteċipax fl-iskema jew le, u dan jagħti wkoll inċentiv qawwi lin-negozjanti biex jipparteċipaw fl-ADR. Ara “ADR in the Nordic and Baltic countries” (L-ADR fil-pajjiżi Nordiċi u Baltiċi), studju komparattiv imħejji miċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi fid-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, l-Iżlanda, il-Latvja, il-Litwanja, in-Norveġja u l-Iżvezja, 11 ta' Mejju 2023.

<sup>4</sup> [Airclaim](#), [Airhelp](#), [Fairplane](#), [Flightright](#), [Myflyright](#), [Oroskundas](#), [Ritardoareo](#), [Skycop](#), [Skyrefund](#), eċċ.

fir-rapport:

## Emenda 1

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(2) Fl-2019, il-Kummissjoni adottat rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2013/11/UE u tar-Regolament (UE) Nru 524/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup> li żvela li d-Direttiva 2013/11/UE wasslet għal żieda fil-kopertura tas-swieq tal-konsumaturi minn entitajiet tal-ADR ta' kwalità madwar l-Unjoni. Madankollu, ir-rapport identifika wkoll li l-adozzjoni tal-proċeduri tal-ADR min-naħa tal-konsumaturi u tan-negozji kienet għadha lura f'xi setturi u Stati Membri. Raġuni waħda għal dan kienet il-livell baxx ta' għarfien tan-negozjanti u l-konsumaturi dwar proċeduri bħal dawn fl-Istati Membri fejn kienu ġew introdotti biss reċentement. Raġuni oħra kienet in-nuqqas ta' fiduċja tal-konsumaturi u tan-negozjanti f'entitajiet tal-ADR mhux regolati. Id-data pprovduta mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fil-bidu tal-2022, kif ukoll l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2013/11/UE mwettqa fl-2023, jissuġġerixxu li l-adozzjoni baqgħet relattivament stabbli (minbarra żieda żgħira ta' każijiet relatati mal-pandemija tal-COVID-19). Il-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati kkonsultati fil-kuntest ta' dik l-evalwazzjoni kkonfermaw li n-nuqqas ta' għarfien u fehim tal-proċeduri tal-ADR mill-konsumaturi, l-involviment baxx min-negozjanti, il-lakuni fil-kopertura tal-ADR f'uħud mill-Istati Membri, l-ispejjeż għoljin u l-proċeduri nazzjonali kumplessi tal-ADR u d-differenzi fil-kompetenzi tal-entitajiet tal-ADR, huma fatturi frekwenti li jfixxli l-adozzjoni tal-proċeduri tal-ADR. Hemm ostakli addizzjonali fl-ADR

##### *Emenda*

(2) Fl-2019, il-Kummissjoni adottat rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2013/11/UE u tar-Regolament (UE) Nru 524/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup> li żvela li d-Direttiva 2013/11/UE wasslet għal żieda fil-kopertura tas-swieq tal-konsumaturi minn entitajiet tal-ADR ta' kwalità madwar l-Unjoni. Madankollu, ir-rapport identifika wkoll li l-adozzjoni tal-proċeduri tal-ADR min-naħa tal-konsumaturi u tan-negozji kienet għadha lura f'xi setturi u Stati Membri. Raġuni waħda għal dan kienet il-livell baxx ta' għarfien tan-negozjanti u l-konsumaturi dwar proċeduri bħal dawn fl-Istati Membri fejn kienu ġew introdotti biss reċentement. Raġuni oħra kienet in-nuqqas ta' fiduċja tal-konsumaturi u tan-negozjanti f'entitajiet tal-ADR mhux regolati. Id-data pprovduta mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fil-bidu tal-2022, kif ukoll l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2013/11/UE mwettqa fl-2023, jissuġġerixxu li l-adozzjoni baqgħet relattivament stabbli (minbarra żieda żgħira ta' każijiet relatati mal-pandemija tal-COVID-19). Il-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati kkonsultati fil-kuntest ta' dik l-evalwazzjoni kkonfermaw li n-nuqqas ta' għarfien u fehim tal-proċeduri tal-ADR mill-konsumaturi ***u n-negozjanti kif ukoll*** l-involviment baxx ***tagħhom***, il-lakuni fil-kopertura tal-ADR f'uħud mill-Istati Membri, l-ispejjeż għoljin u l-proċeduri nazzjonali kumplessi tal-ADR u d-differenzi fil-kompetenzi tal-entitajiet tal-ADR, huma fatturi frekwenti li jfixxli l-adozzjoni tal-proċeduri tal-ADR. Hemm

transfruntiera bħal-lingwa, nuqqas ta' għarfien tal-liġi applikabbli, kif ukoll diffikultajiet speċifiċi ta' aċċess għall-konsumaturi vulnerabbli.

---

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 524/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni online għal tilwim mal-konsumaturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 1).

ostakli addizzjonali fl-ADR transfruntiera bħal-lingwa, nuqqas ta' għarfien tal-liġi applikabbli, kif ukoll diffikultajiet speċifiċi ta' aċċess għall-konsumaturi vulnerabbli.  
***Dan ikkontribwixxa għall-evoluzzjoni tax-xenarju tal-ADR f'varjetà ta' sistemi differenti fl-UE, fejn - minħabba r-regoli u l-kriterji proċedurali differenti madwar l-Istati Membri - in-negozjanti li jirrappreżentaw setturi intensivi fl-ilmenti bħat-trasport u t-turiżmu, jiffaċċjaw sfidi relatati mal-użu ta' mekkaniżmi għat-tilwim fil-kuntest transfruntier, li jeħtieġ li jiġu indirizzati biex jinħoloq qafas tal-ADR transfruntier aktar aċċessibbli, koerenti u effettiv, li jrawwem il-fiduċja u l-kooperazzjoni fost il-konsumaturi u n-negozjanti.***

---

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 524/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni online għal tilwim mal-konsumaturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 1).

## Emenda 2

### Proposta għal direttiva Premessa 2a

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(2a) Is-settur tat-trasport u t-turiżmu qed jiffaċċjaw għadd kbir ta' lmenti tal-konsumaturi, b'mod speċjali relatat mad-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru. Dan, flimkien ma' għadd kbir ta' mistoqsijiet dwar l-istess kwistjonijiet, juri, minn naħa waħda, l-għarfien eżistenti tal-qafas tad-drittijiet tal-konsumatur f'dan il-qasam. Min-naħa l-oħra, dan huwa indikazzjoni li l-proċeduri tal-ADR jenħtieġ li jibqgħu l-aħħar rimedju għall-ilmenti tal-konsumaturi b'bażi soda qabel ma jmorru l-qorti bl-għan li jiddefendu d-drittijiet tal-***

*konsumatur kemm jista' jkun possibbli.*

### **Emenda 3**

**Proposta għal direttiva  
Premessa 2b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(2b) Il-fokus ta' din id-Direttiva jenħtieġ li jkun fuq inċentivi qawwija għall-konsumaturi u n-negozjanti biex jużaw il-proċeduri tal-ADR. B'hekk, sabiex tilħaq il-potenzjal sħiħ tagħha u tissodisfa lill-konsumaturi, il-parteċipazzjoni tan-negozjanti fis-setturi tat-trasport u tat-turiżmu tista' ssir obligatorja, meta stipulat fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri, dment li tali leġiżlazzjoni ma iżżommx lill-partijiet milli jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' aċċess għas-sistema ġudizzjarja. B'mod partikolari, l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jistabbilixxu sistemi tal-ADR fis-settur tat-trasport u t-turiżmu, filwaqt li jiżguraw rappreżentanza ugwali tan-negozjanti u l-konsumaturi fil-bordijiet tal-entitajiet tal-ADR u rwol superviżorju b'saħħtu tal-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-entitajiet tal-ADR. Fejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri tagħmel il-parteċipazzjoni f'tali proċeduri volontarja, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li n-negozjanti li jagħżlu li ma jipparteċipawx ikunu obbligati li jagħmlu l-ispjegazzjoni għal din l-għażla disponibbli pubblikament.*

### **Emenda 4**

**Proposta għal direttiva  
Premessa 2c**

**(2c) Għadd ta' Stati Membri biss għandhom sistema tal-ADR li tiffunzjona bla xkiel. Il-ksib tal-fiduċja tal-konsumaturi u tan-negozjanti fl-ADR u ż-żieda tal-parteeċipazzjoni tagħhom fil-proċeduri tal-ADR, b'mod partikolari fis-setturi tat-trasport u t-turiżmu, jirrikjedu li jiġi żgurat li l-funzjonament u l-ħidma tal-entitajiet tal-ADR tal-konsumaturi jkun ta' kwalità tajba. Sabiex jissaħħu r-rati ta' użu tas-soluzzjoni tat-tilwim, jeħtieġ li ssir enfasi fuq l-indipendenza, l-imparzjalità u r-riżorsi tagħhom kif ukoll fuq l-iżvilupp tal-għarfien espert tal-persunal tal-entitajiet tal-ADR fil-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti, bħad-drittijiet tal-passiġġieri u tal-vjaġġaturi. Għal dan l-għan, l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu lill-entitajiet tal-ADR biex jipprovdu taħriġ għall-persuni fiżiċi inkarigati mill-ADR fil-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti, bl-għan li jappoġġjaw lill-entitajiet tal-ADR biex jipprovdu l-aqwa assistenza lill-konsumaturi fir-riżoluzzjoni tal-ilmenti transfruntiera. Għalhekk, il-persunal li jipparteċipa fil-proċeduri tal-ADR jenħtieġ li jkun obligat li jwettaq taħriġ annwali obbligatorju biex jiġi żgurat li l-għarfien eżistenti tiegħu jinżamm aġġornat u f'konformità mal-avvanzi diġitali riċenti.**

## Emenda 5

### Proposta għal direttiva Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Jenħtieġ li l-Istati Membri jippermettu wkoll lill-entitajiet tal-ADR jiġbru flimkien każijiet simili kontra negozjant speċifiku, jagħmlu l-eżiti tal-ADR konsistenti għall-konsumaturi soġġetti għall-istess prattika illegali, u

Emenda

(11) Jenħtieġ li l-Istati Membri jippermettu wkoll lill-entitajiet tal-ADR jiġbru flimkien każijiet simili, **f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tal-ADR u/jew in-Network taċ-Ċentri Ewropej tal-**



aktar kosteffiċjenti għall-entitajiet tal-ADR u għan-negozjanti. Jenħtieġ li l-konsumaturi jiġu infurmati kif xieraq u jenħtieġ li jingħataw ċ-ċans li jirrifjutaw li t-tilwim tagħhom jiġi raggruppat.

**Konsumaturi**, kontra negozjant speċifiku, jagħmlu l-eżiti tal-ADR konsistenti għall-konsumaturi soġġetti għall-istess Prattika illegali, u aktar kosteffiċjenti għall-entitajiet tal-ADR u għan-negozjanti. Jenħtieġ li l-konsumaturi **u n-negozjanti** jiġu infurmati kif xieraq u jenħtieġ li jingħataw ċ-ċans li jirrifjutaw li t-tilwim tagħhom jiġi raggruppat.

## Emenda 6

### Proposta għal direttiva Premessa 13

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(13) Skont id-Direttiva 2013/11/UE, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu leġislazzjoni nazzjonali biex jagħmlu l-parteċipazzjoni tan-negozjanti fl-ADR obligatorja f' setturi li huma jqisu xierqa, flimkien mal-leġislazzjoni tal-Unjoni speċifika għas-settur li tipprevedi l-parteċipazzjoni obligatorja tan-negozjanti fl-ADR. Biex titħeġġeġ il-parteċipazzjoni tan-negozjanti fil-proċeduri tal-ADR u biex jiġu żgurati proċeduri tal-ADR xierqa u rapidi, in-negozjanti għandhom ikunu meħtieġa, speċjalment f'każijiet fejn il-parteċipazzjoni tagħhom ma tkunx obligatorja, li jwieġbu fi żmien perjodu speċifiku għall-mistoqsijiet li jsiru mill-entitajiet tal-ADR dwar jekk għandhomx l-intenzjoni li jipparteċipaw fil-proċedura proposta.

#### *Emenda*

(13) Skont id-Direttiva 2013/11/UE, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu leġislazzjoni nazzjonali biex jagħmlu l-parteċipazzjoni tan-negozjanti fl-ADR obligatorja f' setturi li huma jqisu xierqa, flimkien mal-leġislazzjoni tal-Unjoni speċifika għas-settur li tipprevedi l-parteċipazzjoni obligatorja tan-negozjanti fl-ADR. Biex titħeġġeġ il-parteċipazzjoni tan-negozjanti fil-proċeduri tal-ADR u biex jiġu żgurati proċeduri tal-ADR xierqa u rapidi, in-negozjanti għandhom ikunu meħtieġa, speċjalment f'każijiet fejn il-parteċipazzjoni tagħhom ma tkunx obligatorja, li jwieġbu fi żmien perjodu speċifiku, **mhux aktar minn 15-il jum tax-xogħol**, għall-mistoqsijiet li jsiru mill-entitajiet tal-ADR dwar jekk għandhomx l-intenzjoni li jipparteċipaw fil-proċedura proposta.

## Emenda 7

### Proposta għal direttiva Premessa 15

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(15) Sabiex tingħata assistenza effettiva lill-konsumaturi u lin-negozjanti f' tilwim

#### *Emenda*

(15) **F'diversi Stati Membri, il-konsumaturi u n-negozjanti għandhom**

transfruntier, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-Istati Membri jistabbilixxu punti ta' kuntatt tal-ADR b'kompiti definiti b'mod ċar. Iċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi (European Consumer Centres, "ECCs") jinsabu f'pożizzjoni tajba biex iwettqu tali kompiti, peress li huma speċjalizzati biex jassistu lill-konsumaturi fi kwistjonijiet dwar ix-xiri transfruntier tagħhom, iżda jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħżlu wkoll korpi oħra b'għarfien espert rilevanti. Jenħtieġ li daww il-punti ta' kuntatt tal-ADR maħtura jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni.

***mhux informati biżżejjed dwar l-eżistenza tal-entitajiet tal-ADR u dwar is-servizzi offruti minnhom.*** Sabiex tingħata assistenza effettiva lill-konsumaturi u lin-negozjanti f'tilwim transfruntier, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-Istati Membri jistabbilixxu punti ta' kuntatt tal-ADR b'kompiti definiti b'mod ċar. Iċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi (European Consumer Centres, "ECCs") jinsabu f'pożizzjoni tajba biex iwettqu tali kompiti ***f'kooperazzjoni mill-qrib mal-entitajiet nazzjonali kompetenti tal-ADR***, peress li huma speċjalizzati biex jassistu lill-konsumaturi fi kwistjonijiet dwar ix-xiri transfruntier tagħhom, iżda jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħżlu wkoll korpi oħra b'għarfien espert rilevanti ***u jenħtieġ li jiżguraw li għandhom riżorsi baġitarji u umani adegwati.*** Jenħtieġ li daww il-punti ta' kuntatt tal-ADR maħtura jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni.

## Emenda 8

### Proposta għal direttiva Premessa 17a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(17a) In-negozjanti jenħtieġ li jipprovdu informazzjoni dwar il-punt ta' kuntatt tal-ADR lill-konsumaturi fuq il-paġna web tagħhom, biex ilaħħqu max-xejriet attwali tal-kummerċ online u l-funzjonament tal-pjattaformi online.***

## Emenda 9

### Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid) Direttiva 2013/11/UE Artikolu 1

*Test fis-seħħ*

*Emenda*

Artikolu 1

Artikolu 1

## Suġġett

Il-fini ta' din id-Direttiva huwa li, permezz tal-ksib ta' livell għoli ta' protezzjoni għall-konsumatur, tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern billi tiżgura li l-konsumaturi jkunu jistgħu, fuq bażi volontarja, jippreżentaw ilmenti kontra negozjanti lil entitajiet li joffru proċeduri indipendenti, imparzjali, trasparenti, effettivi, rapidi u ġusti, ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal-leġislazzjoni nazzjonali li tagħmel il-parteeċipazzjoni f'tali miżuri mandatorja, bil-kondizzjoni li tali leġislazzjoni ma tostakolax lill-partijiet milli jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' aċċess għas-sistema ġudizzjarja.

## Emenda 10

### Proposta għal direttiva

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a**  
Direttiva 2013/11/UE  
Artikolu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

## Suġġett

Il-fini ta' din id-Direttiva huwa li, permezz tal-ksib ta' livell għoli ta' protezzjoni għall-konsumatur, tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern billi tiżgura li l-konsumaturi jkunu jistgħu, fuq bażi volontarja, jippreżentaw ilmenti kontra negozjanti lil entitajiet li joffru proċeduri indipendenti, imparzjali, trasparenti, effettivi, rapidi u ġusti, ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal-leġislazzjoni nazzjonali li tagħmel il-parteeċipazzjoni **ta' negozjanti fis-settur tat-trasport u t-turiżmu, fost oħrajn**, f'tali miżuri mandatorja, bil-kondizzjoni li tali leġislazzjoni ma tostakolax lill-partijiet milli jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' aċċess għas-sistema ġudizzjarja. ***Fejn il-leġislazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri tagħmel il-parteeċipazzjoni f'tali proċeduri volontarja, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li n-negozjanti li jagħżlu li ma jipparteċipawx ikunu obbligati li jagħmlu l-ispejgazzjoni għal din l-għażla disponibbli pubblikament.***

*Emenda*

***1a. In-negozjant li mhuwiex stabbilit legalment fit-territorju ta' kwalunkwe Stat Membru li joffri oġġetti jew servizzi jew li jikkummerċjalizza fl-UE, inkluż il-kontenut diġitali u s-servizzi diġitali, għandu jipparteċipa f'mekkaniżmu tal-ADR u jikkonforma mar-regoli tal-ADR tal-konsumaturi.***

*(Din l-emenda tapplika għat-test kollu. L-adozzjoni tagħha titlob bidliet korrispondenti fit-test kollu.)*

## *Justification*

*The amendment broadens the scope of the Alternative Dispute Resolution Directive by including non-EU traders and mandating their compliance with local ADR entities where they offer goods or services in the EU. This move aims to enhance global consumer protection, providing EU consumers with consistent and accessible dispute resolution mechanisms. By harmonizing ADR procedures, the amendment ensures operational consistency and prevents discrimination based on consumers' domiciles. The commitment to additional consumer-friendly measures further underscores the EU's dedication to fostering trust and fairness in cross-border transactions, ultimately strengthening consumer rights within the EU marketplace.*

### **Emenda 11**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b**

Direttiva 2013/11/UE

Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(aa) jiżguraw li l-konsumaturi jkun  
jistgħu jressqu lmenti fil-pajjiż fejn  
jirrisjedu kontra negozjanti stabbiliti  
barra mill-pajjiż ta' residenza tagħhom;*

### **Emenda 12**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b**

Direttiva 2013/11/UE

Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(c) jagħtu d-dritt lill-partijiet fit-tilwima li jitolbu li l-eżitu tal-proċedura tal-ADR jiġi rieżaminat minn persuna fiżika meta l-proċedura tkun twettqet b'mezzi awtomatizzati;

(c) jagħtu d-dritt lill-partijiet fit-tilwima li jitolbu li l-eżitu tal-proċedura tal-ADR jiġi rieżaminat **u jiġi rieżaminat u żguraw li jiġi rieżaminat** minn persuna fiżika meta l-proċedura tkun twettqet b'mezzi awtomatizzati;

### **Emenda 13**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b**

Direttiva 2013/11/UE  
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt d

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) jistgħu jiġbru flimkien każijiet simili kontra negozjant speċifiku wieħed fi proċedura waħda, bil-kundizzjoni li l-konsumatur **ikkonċernat ikun infurmat** u ma **joġġezzjonax** għal dan;

*Emenda*

(d) **jistgħu jiġbru flimkien każijiet simili kontra negozjant speċifiku wieħed fi proċedura waħda, bil-kundizzjoni li l-konsumatur u n negozjant ikkonċernati jkunu infurmati u ma joġġezzjonawx għal dan;**

#### **Emenda 14**

##### **Proposta għal direttiva**

##### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt d**

Direttiva 2013/11/UE  
Artikolu 5 – paragrafu 8

*Test propost mill-Kummissjoni*

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li n-negozjanti stabbiliti fit-territorji tagħhom li jiġu kkuntattjati minn entità tal-ADR minn pajjiżhom jew minn Stat Membru ieħor, jinfurmaw lil dik l-entità tal-ADR jekk jaċċettawx jew le li jipparteċipaw fil-proċedura proposta u jwieġbu fi żmien raġonevoli li ma għandux jaqbeż l-**20**-il jum ta' xogħol.

*Emenda*

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li n-negozjanti stabbiliti fit-territorji tagħhom li jiġu kkuntattjati minn entità tal-ADR minn pajjiżhom jew minn Stat Membru ieħor, jinfurmaw lil dik l-entità tal-ADR jekk jaċċettawx jew le li jipparteċipaw fil-proċedura proposta u jwieġbu fi żmien raġonevoli li ma għandux jaqbeż il-**15**-il jum ta' xogħol.”. **L-informazzjoni tan-negozjanti lill-konsumaturi dwar ir-rieda tagħhom li jipparteċipaw fil-proċedura tal-ADR għandha tkun ċara, komprensibbli u faċilment aċċessibbli, filwaqt li tiżgura li l-konsumaturi jkunu konxji tal-pożizzjoni tan-negozjant qabel ma jikkonkludu l-kuntratt. Kull meta n-negozjanti jirrifjutaw li jipparteċipaw fil-proċedura tal-ADR, huma għandhom jipprovdu spjegazzjoni bil-miktub.**

#### **Emenda 15**

##### **Proposta għal direttiva**

##### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)**

Direttiva 2013/11/UE  
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

*Test fis-seħħ*

(a) għandhom l-għarfien u l-ħiliet meħtieġa fil-qasam tas-soluzzjoni alternattiva jew ġudizzjarja għat-tilwim mal-konsumaturi, kif ukoll komprensjoni ġenerali tal-liġi;

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3b (ġdid)**

Direttiva 2013/11/UE

Artikolu 6 – paragrafu 6

*Test fis-seħħ*

6. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu lill-entitajiet tal-ADR biex jipprovdu taħriġ għall-persuni fiżiċi responsabbli għall-ADR. Jekk tali taħriġ huwa pprovdut, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jissorveljaw l-iskemi ta' taħriġ stabbiliti mill-entitajiet tal-ADR, abbażi tal-informazzjoni mwassla lilhom f'konformità mal-punt (g) tal-Artikolu 19(3).

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**

Direttiva 2013/11/UE

Artikolu 14 – paragrafu 2

*Emenda*

Fl-Artikolu 6(1), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

(a) għandhom l-għarfien u l-ħiliet meħtieġa fil-qasam tas-soluzzjoni alternattiva jew ġudizzjarja għat-tilwim mal-konsumaturi, kif ukoll komprensjoni ġenerali tal-liġi ***u għarfien espert, b'mod partikolari fil-liġi tal-konsumatur tal-UE, meta jittrattaw każijiet transfruntiera;***"

*Emenda*

***3b. Fl-Artikolu 6, il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

“6. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu lill-entitajiet tal-ADR biex jipprovdu taħriġ għall-persuni fiżiċi responsabbli għall-ADR ***fil-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti.*** Jekk tali taħriġ huwa pprovdut, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jissorveljaw l-iskemi ta' taħriġ stabbiliti mill-entitajiet tal-ADR, abbażi tal-informazzjoni mwassla lilhom f'konformità mal-punt (g) tal-Artikolu 19(3).”

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Kull Stat Membru għandu jaħtar punt ta' kuntatt tal-ADR inkarigat mill-kompitu msemmi fil-paragrafu 1. Kull Stat Membru għandu jikkomunika l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt tal-ADR tiegħu lill-Kummissjoni. L-Istati Membri għandhom jagħtu r-responsabbiltà għat-tħaddim tal-punti ta' kuntatt tal-ADR liċ-ċentru tagħhom li jappartjeni għan-Netzwerk taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi, jew, jekk dan ma jkunx possibbli, lill-organizzazzjonijiet tal-konsumatur jew lil kwalunkwe korp ieħor li jiġġestixxi l-protezzjoni tal-konsumatur.

*Emenda*

2. Kull Stat Membru għandu jaħtar punt ta' kuntatt tal-ADR inkarigat mill-kompitu msemmi fil-paragrafu 1. Kull Stat Membru għandu jikkomunika l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt tal-ADR tiegħu lill-Kummissjoni. L-Istati Membri għandhom jagħtu r-responsabbiltà għat-tħaddim tal-punti ta' kuntatt tal-ADR liċ-ċentru tagħhom li jappartjeni għan-Netzwerk taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi, jew, jekk dan ma jkunx possibbli, lill-organizzazzjonijiet tal-konsumatur jew lil kwalunkwe korp ieħor li jiġġestixxi l-protezzjoni tal-konsumatur, ***inklużi l-awtoritajiet kompetenti tal-ADR nazzjonali.***

**Emenda 18**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**

Direttiva 2013/11/UE

Artikolu 14 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2a. In-negozjanti għandhom jipprovdu informazzjoni dwar il-punt ta' kuntatt tal-ADR. Tali informazzjoni trid tiġi ppreżentata b'mod distint, separata minn kontenut ieħor fuq is-siti web tan-negozjanti, filwaqt li jiġu żgurati viżibbiltà u aċċessibbiltà ċari għall-konsumaturi.***

**Emenda 19**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**

Direttiva 2013/11/UE

Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(c) il-forniment lill-partijiet

(c) il-forniment lill-partijiet

spjegazzjonijiet dwar ir-regoli ta' proċedura applikati mill-entitajiet speċifiċi tal-ADR;

spjegazzjonijiet dwar ir-regoli ta' proċedura applikati mill-entitajiet speċifiċi tal-ADR, *bħal perjodi ta' żmien speċifiċi fil-komunikazzjoni*;

## Emenda 20

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8

Direttiva 2013/11/UE

Artikolu 20 – paragrafu 8

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

8. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa u żżomm għodda diġitali interattiva li ttipprovdi informazzjoni ġenerali dwar ir-rimedju għall-konsumatur u links għall-paġni web tal-entitajiet tal-ADR notifikati lilha f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

#### *Emenda*

8. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa u żżomm għodda diġitali interattiva li ttiprovdi informazzjoni ġenerali dwar ir-rimedju għall-konsumatur u links għall-paġni web tal-entitajiet tal-ADR notifikati lilha f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

*Minħabba n-natura transfruntiera tad-drittijiet tal-passiġġieri u tal-vjaġġaturi, il-Kummissjoni għandha taħdem mill-qrib maċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi, man-negozji mis-settur tat-trasport u t-turiżmu, mal-organizzazzjonijiet tal-konsumatur u ma' entitajiet oħra li jittrattaw id-drittijiet tal-konsumatur, biex tippromwovi l-aħjar prattiki u l-għarfien meħtieġ biex jitneħħew l-ostakli li jiffaċċjaw il-konsumaturi u n-negozjanti meta jirrikorru għall-proċedura tal-ADR f'dan il-qasam speċifiku.*

## Emenda 21

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8a (ġdid)

Direttiva 2013/11/UE

Artikolu 20b – paragrafu 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. Kull awtorità kompetenti għandha tagħmel disponibbli pubblikament il-lista

#### *Emenda*

*8a. Fl-Artikolu 20, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:*



konsolidata tal-entitajiet tal-ADR imsemmija fil-paragrafu 4 fis-sit elettroniku tagħha billi ttiprovdi link għas-sit elettroniku rilevanti tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, kull awtorità kompetenti għandha tagħmel disponibbli pubblikament dik il-lista konsolidata f' mezz li jservi fit-tul.

“5. Kull awtorità kompetenti għandha tagħmel disponibbli pubblikament il-lista konsolidata tal-entitajiet tal-ADR imsemmija fil-paragrafu 4 fis-sit elettroniku tagħha billi ttiprovdi link għas-sit elettroniku rilevanti tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, kull awtorità kompetenti għandha tagħmel disponibbli pubblikament dik il-lista konsolidata f' mezz li jservi fit-tul. ***Kull awtorità kompetenti għandha tagħmel disponibbli pubblikament l-ispezzjonijiet kull meta n-negozjanti jirrifjutaw li jipparteċipaw fi proċedura tal-ADR.***”

**ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI  
LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊEVJET KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara li rċeviet kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-opinjoni, sal-adozzjoni tagħha fil-kumitat:

<b>Entità u/jew persuna</b>
BEUC
APAVT - Associação Portuguesa das Agências de Viagens e Turismo
Ryanair

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur għal opinjoni.

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	Emenda tad-Direttiva 2013/11/UE dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi, kif ukoll id-Direttivi (UE) 2015/2302, (UE) 2019/2161 u (UE) 2020/1828
<b>Referenzi</b>	COM(2023)0649 – C9-0384/2023 – 2023/0376(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 20.11.2023
<b>Opinjoni(jiet) mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 20.11.2023
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Cláudia Monteiro de Aguiar 9.11.2023
<b>Eżami fil-kumitat</b>	22.1.2024
<b>Data tal-adozzjoni</b>	14.2.2024
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+ : 23 - : 1 0 : 15
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Magdalena Adamowicz, Izaskun Bilbao Barandica, Karolin Braunsberger-Reinhold, Marco Campomenosi, Ciarán Cuffe, Jakop G. Dalunde, Karima Delli, Mario Furore, Isabel García Muñoz, Jens Gieseke, Elsi Katainen, Elena Kountoura, Bogusław Liberadzki, Benoît Lutgen, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Marian-Jean Marinescu, Tilly Metz, Caroline Nagtegaal, Philippe Olivier, Rovana Plumb, Bergur Løkke Rasmussen, Dominique Riquet, Massimiliano Salini, Barbara Thaler, Achille Variati, Henna Virkkunen, Petar Vitanov
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Pablo Arias Echeverría, Sara Cerdas, Markus Ferber, Roman Haider, Ondřej Kovařík, César Luena, Ljudmila Novak, Inma Rodríguez-Piñero
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Alicia Homs Ginel, Moritz Körner, Hannah Neumann, Francesca Peppucci

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

23	+
ID	Marco Campomenosi, Roman Haider, Philippe Olivier
NI	Mario Furore
PPE	Magdalena Adamowicz, Pablo Arias Echeverría, Karolin Braunsberger-Reinhold, Markus Ferber, Jens Gieseke, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Benoît Lutgen, Marian-Jean Marinescu, Ljudmila Novak, Francesca Peppucci, Massimiliano Salini, Barbara Thaler, Henna Virkkunen
Renew	Izaskun Bilbao Barandica, Elsi Katainen, Ondřej Kovařík, Caroline Nagtegaal, Bergur Løkke Rasmussen, Dominique Riquet

1	-
Renew	Moritz Körner

15	0
S&D	Sara Cerdas, Isabel García Muñoz, Alicia Homs Ginel, Bogusław Liberadzki, César Luena, Rovana Plumb, Inma Rodríguez-Piñero, Achille Variati, Petar Vitanov
The Left	Elena Kountoura
Verts/ALE	Ciarán Cuffe, Jakob G. Dalunde, Karima Delli, Tilly Metz, Hannah Neumann

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni